Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 50. Illum it-Tlieta, 17 ta' Frar 2009

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
***Komunikazzjonijiet***
***Progett ta' l-UE – Biolmed***
***Gnien Pubbliku fil-Housing Estate***
***One way system fi Triq Mons O. Vella u Triq il-Kbira***
***Gemellagg mal-Comune di Mathi***
***Devoluzzjoni tal-Masgar tad-Darrenzi***
***Affarijiet Mixxellanji***

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier Agostino Ebejer

Numru ta' residenti minn Triq Mons. Orazju Vella

Il-laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

### 405.0 Approvazzjoni tal-Minuti

405.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

405.2 Il-Kunsillier Agostino Ebejer oggezzjona fuq Item 404.2 u ppropona li jsir tibdil fuqha. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta.

405.3 Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-Minuti, Is-Sindku rrakkomanda l-approvazzjoni tal-Minuti. Il-Kunsilliera approvaw il-Minuti u dawn gew ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

### 406.0 Korrispondenza

406.1 Il-Kunsill qabel li jipprovdi zewg gwardjani lokali waqt it-Tour ta' Malta bir-roti nhar is-27 ta' Marzu, bejn id-9.30 u 12.30, peress li t-tellieqa se ssir fl-Imgarr.

406.2 Il-Kunsill qabel li jippartecipa fl-inizzjattiva Switch, fejn fis-7 ta' Marzu, se jitqassmu posters dwar din l-iskema madwar il-hwienet fl-Imgarr, filwaqt li se jitwahhlu zewg strutturi fil-bandli u Triq Sir Temi Zammit fit-tielet gimgha ta' Marzu.

406.3 Il-Kunsill qabel li jaghti donazzjoni ta' €75 lid-Dar tal-Providenza waqt il-Maratonasport li se ssir nhar is-Sibt 28 ta' Frar 2009.

406.4 Il-Kunsill qabel li jidhol fi ftehim ma l-Alliance Francaise biex ikunu jistghu juzaw l-Ufficcju Amministrattiv ghall-korsijiet tal-lingwa Franciza. Il-Kunsill se jiltaqa' ma' din l-iskola fil-granet li gejjin biex jiddiskuti dwar din il-proposta.

406.5 Il-Kunsill innota l-ittra mibghuta mill-Kumitat PN fl-Imgarr, li ppropona li jigi mfakkar is-Sur Randu Galea, bhala l-ewwel u l-uniku kandidat li tela' jirraprezenta l-poplu Mgarri fl-oghla istituzzjoni tal-pajjiz. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti dan l-Item f'laqghat segwenti.

406.6 Giet approvata l-lista ta' hlasijiet annessa ma dawn il-Minuti.

**407.0 Komunikazzjonijiet**

407.1 Is-Sindku rrimarka fuq iz-zjara tal-President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami fl-Imgarr bejn l-4 u t-8 ta' Frar. Huwa qal li ghalkemm din iz-zjara kienet qasira, kienet posittiva hafna peress li kellu c-cans jiltaqa' ma' numru ta' persuni Mgarrin, filwaqt li kienet okkazjoni biex l-ghaqdiet lokali kollha jiltaqghu bejniethom u jesponu l-hidmiet taghhom. Is-Suggeriment komuni mir-rapprezentanti ta' l-ghaqdiet kien li laqghat simili jsiru aktar spiss.

407.2 Is-Sindku qal li kien unur ghall-Kunsill li jkollu lis-Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Said prezenti ghall-Ghoti ta' l-Unur Gieh Mgarr u Rikonoxximent, fejn fost l-ohrajn heggeg lill-Kunsill biex ikompli jirrikonoxxi lill-dawk il-persuni li hadmu fil-lokalita. Huwa rrimarka wkoll b'mod posittiv ghas-Sotto Kumitat taz-zghazagh li gie mwaqqaf mill-Kunsill.

407.3 Il-Kunsill tkellem b'mod posittiv ghax-xoghol li wettaq il-Kumitat taz-zghazagh waqt is-serata ta' Gieh Mgarr.

**408.0 Sospensjoni ta' l-Agenda**

408.1 Is-Sindku talab is-Sospensjoni ta' l-Agenda biex l-Item dwar il-One way system fi Triq Mons Orazju Vella jigi diskuss f'dan il-punt. Il-Kunsillier Agostino Ebejer issekonda. Il-Kunsill qabel.

**409.0 One way system fi Triq Mons O. Vella u Triq il-Kbira**

409.1 Is-Sindku ghaddha l-mozzjoni segwenti;
'Fid-dawl tan-nuqqas ta' konsultazzjoni u nuqqas ta' gharfien b'mod xieraq lir-residenti, fid-dawl tal-petizzjoni li giet iffirmata mir-residenti kontra l-proposta ta' one way system, qed nirrakkomanda s-sospensjoni tal-one way system ippjanata fi Triq Mons. Orazju Vella u Triq il-Kbira b'mod immedjat.'

409.2 Il-Kunsillier David Battistino ssekonda l-mozzjoni. Din giet approvata nem con. Kien hemm qbil li t-tabelli in konnessjoni ma din il-one way system jitnehhew l-Erbgha, 18 ta' Frar.

409.3 Ir-residenti prezenti rringrazzjaw il-Kunsill tal-kunsiderazzjoni tieghu u hargu mil-laqgha f'dan il-hin.

**410.0 Progett ta' l-UE – Biolmed**

410.1 Is-Sindku nforma li nhar il-Gimgha, 13 ta' Frar, is-Segretarju Ezekuttiv giet mistiedna mill-MEUSAC biex taghmel prezentazzjoni dwar l-esperjenza tal-Kunsill fil-progett MedCypre.

410.2 Huwa qal li waqt din il-laqgha, il-Kunsill gie nfurmat li giet approvata l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-progett ta' l-EU Biolmed ma' disa' partners ohra minn pajjizi differenti

b'allokazzjoni ta' € 148,500. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-progett huwa dwar it-tkabbir ta' zebbug b'mod organiku. Hija nfurmat li sa issa l-progett ghadu ma bdiex minhabba li hemm xi dettalji li ghad iridu jigu spjegati mil-Lead Partner.

410.3 Is-Sindku qal li s-Sur Sammy Cremona, se jkun il-konsulent ta' dan il-progett, fid-dawl ta' l-esperjenza li diga kiseb f'dan il-qasam kemm b'mod lokali, kif ukoll internazzjonali.

**411.0 Gnien Pubbliku fil-Housing Estate**

411.1 Is-Sindku nforma li waqt ix-xoghlijiet li qed isiru biex jitnaddaf mill-hamrija l-Gnien fil-Housing Estate, instabu numru ta' cartruts u oqbra bi ftit fdalijiet ta' ghadam. Huwa qal li Ufficjali mill-Mepa kienu fuq is-sit biex jezaminawhom.

411.2 Is-Sindku qal li huwa probabbli li jkollhom jinbidlu l-pjanti ta' dan il-Gnien biex jakkomodaw dawn is-sejbiet. Huwa qal li l-Perit tal-Kunsill se jaghmel evalwazzjoni f'dan ir-rigward.

411.3 Is-Sindku nforma li n-natura ta' dan il-gnien ikkawza zieda ta' spejjez u ghalhekk kien hemm qbil li tinkiteb ittra f'dan ir-rigward lill-Awtorita tad-Djar, li kienet qablet li tiffinanzja dan il-gnien.

**412.0 Gemellagg mal-Comune di Mathi**

412.1 Is-Sindku qal li sa issa gie mfassal parti mill-programm tal-Gemellagg, fejn tinvolvi zjajjar kulturali u heggeg lill-Kunsillier Battistino biex ilaqqa' l-Kumitat Organizzattiv tal-Gemellagg biex jiffinalizza l-programm kollu.

412.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li s-Sinjura Margaret Frendo accettat li tkun gwida ma dan il-grupp. Hija kompliet li fl-1 ta' Mejju, il-grupp se jzur il-Gzira ta' Ghawdex u t-2 ta' Mejju, se jzuru l-Belt Valletta, Marsaxlokk u l-Imdina. It-3 ta' Mejju thalla ghall-Gemellagg.

**413.0 Devoluzzjoni tal-Masgar tad-Darrenzi**

413.1 Is-Sindku ppropona li ssir talba biex il-masgar tad-Darrenzi jinghata lill-Kunsill b'devoluzzjoni. Huwa qal li din it-talba ggib maghha risponsabilita kbira fuq dan il-Masgar, peress li dan huwa diga uzat minn numru ta' nies ghal skop differenti. Huwa qal li kemm 'il darba tinghata d-devoluzzjoni, irid isir pjan ta' tmexxija biex finalment jigi mibdul f'park pubbliku accessibbli ghall-kulhadd.

**414.0 Affarijiet Mixxellanji**

414.1 Is-Sindku ppropona li jsir self ta' € 200,000 biex il-Kunsill ikun jista' jiffinalizza l-estensjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier David Battistino ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament. Kien hemm qbil li jintalbu stimi minn banek lokali biex tigi studjata l-ahjar offerta.

414.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qassmet kopja tar-rapport finanzjarju bejn Lulju u Settembru 2008.

414.3 Il-Vici Sindku Giovanni Gatt informa li ghamel l-arrangamenti mas-Sur Ivan Cumbo biex dan jerga' jipprezenta numru ta' kotba lill-Kunsill. Huwa qal li fil-jiem li gejjin se jigbor lista ta' kotba li tehtieg il-librerija pubblika biex ikun jista' jghaddiha lis-Sur Cumbo.

414.4 Il-Vici Sindku nforma li ltaqa' ma Professur li huwa lest li jaghmel seminar informattiv dwar l-ikel. Il-Kunsill qabel li jsir dan is-seminar, hekk kif ikollu d-dettalji kollha dwaru.

414.5 Il-Kunsillier Agostino Ebejer talab il-protezzjoni tal-Kunsill minhabba li allega li l-handyman ghaddha diskors dispregattiv fil-konfront tieghu. Huwa ppropona li tinhariglu

warning bil-miktub minhabba dan ɫagir. Il-Vici Sindku Giovanni Gatt issekonda. Il-Kunsill qabel li jindirizza dan il-kaz, biex sitwazzjoni bhal din ma tergax tirrepeti ruha.

414.6 Il-laqgha ntemmet fid-8.45pm.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku